

Brussell, 20 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10681/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0196(NLE)

ACP 55
FIN 642

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 10782/23 - COM(2023) 339 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE - Adozzjoni

1. Fis-16 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ST 10782/23).
2. Fl-20 ta' Ġunju 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP laħaq qbil fil-livell tal-grupp ta' ħidma dwar il-proposta.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
- jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, kif jinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokument ST 10680/23;
 - jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali;
 - jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni AKP-UE, ladarba din tiġi adottata, fil-Ġurnal Uffiċjali.

Wara l-adozzjoni mill-Kunsill, ser jintbagħat abbozz ta' Deċiżjoni AKP-UE lill-parti tal-AKP għall-adozzjoni mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE permezz ta' skambju ta' ittri.